MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 3/2003

Rita Camilleri .

vs

Carmela armla ta' Anton Cremona u wliedha Marbeck u Louise ahwa Cremona .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti ossia l-awturi taghhom permezz ta' avviz quddiem dina l-Onorabbli Qorti li jgib in-numru 47/2001 fl-ismijiet "Anton Cremona et –vs- Rita Camilleri" wara li ppremettew falzament li hija qed tokkupa l-fond numru 19 Pjazza San Gorg, Victoria, Ghawdex minghajr ebda titolu validu fil-ligi, talbu li l-istess konvenuta tigi kkundannata biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti tizgombra mill-imsemmi fond ;

Illi permezz ta’ sentenza taghha disgha u disghin moghtija fl-ismijiet fis-26 ta’ Novembru, 2002, din il-Qorti fil-kontumacja tar-ritrattanti ghall-kapitoli pprezentai mill-atturi f’dik il-kawza laqghet it-talba taghhom fuq imsemmija ;

Illi r-ritrattanti saret taf bis-sentenza msemmija biss meta giet notifikata bl-avviz ghall-izgumbrament wara li kien ghadda t-terminu tal-appell ;

Illi r-ritrattanti hija mara semi-illitterata w anzjana li l-karti li tircievi tehdilha hsiebhom bintha Rose Zammit li qatt ma fehmitha l-import u n-natura vera tal-avviz li kienet giet notifikata bieh, u tatha l-impressjoni li kienet biss ittra udan sabiex ma tinkwetahiex ghax inkwiet bhal dan jista’ facilment iwassal ghall-mewt taghha stante l-istat delikat ta’ sahha li tinsab fih ;
Illi l-avukat patrocinatur imqabbad minn bintha kien jghid lill-istess bintha biex ma tidhirx il-Qorti ghax kien sejjer jiehu hsieb hu eppure ma nfurmahom b’xejn dwar l-andament tal-kawza u wisq inqas bil-kapitoli ghas-subizzjoni ;

Illi mhux bizzejjed li jigu pprezentati l-kapitoli imma jinhtieg ukoll li l-Qorti tkun sodisfatta moralment li l-istqarrijiet kontenuti fil-kapitoli jkun jisthoqqilhom li jigu emmnuti u tistqarr li tkun hekk sodisfatta fid-dispozittiv tas-sentenza – haga li manifestament il-Qorti naqset milli taghmel ;

Illi l-imsemmija sentenza hija priva minn kull tismija ta’ motivazzjoni u ghaldaqstant hija nulla u dan huwa zball li jidher mill-atti apparti li jissostitwixxi applikazzjoni hazina tal-ligi procedurali ;

Illi d-dikjarazzjoni tar-ritrattazzjoni fis-sens li r-ritrattanti m’ghandhiex titolu validu fil-ligi hija wahda qarrieqa u falza kif jigi ppruvat ;

Illi ghalhekk hemm lok li l-kawza msemmija tigi ritrattata skond ma hemm preskritt fl-artikolu 811 (a), (b) (e) u (l) ta’ Kap. 12 .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tirrevoka u thassar is-sentenza fuq imsemmija kif ukoll kull att relattiv u sussegwenti ghaliha a tenur tal-artikolu 811 (a), (b), (e) ul) ta' Kap. 12 ;

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza u tichad it-talba kontenuta fl-avviz promotur tal-istess kawza bl-ispejjez kollha taz-zewg kawzi kontra r-ritrattati u bl-ingunzjoni taghhom ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. In linea preliminari n-nullita' tal-kawza stante li l-kawza giet introdotta fuq il-formoli preskritti ghac-citazzjoni u mhux tal-Avviz u saret fil-forma preskritta ghac-citazzjoni u mhux Avviz ;

2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-ragunijiet li fuqhom l-attrici Rita Camilleri qeghda ssejjes it-talbiet taghha sabiex il-kawza fl-ismijiet : Anton Cremona et –vs- Rita Camilleri [Avviz numru 47/2001] tigi ritrattata, huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghaldaqstant tali talbiet ghandhom jigu rigettatati bl-ispejjez kollha kontra taghha ;

3. Illi wara li d-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali fit-18 ta' Dicembru 2001, hassar l-ordni ta' rekwizizzjoni numru 42059 mahruga fil-11 ta' Ottubru, 1979, li bis-sahha taghha l-attrici Rita Camilleri kellha l-protezzjoni that il-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta, li tokkupa d-dar numru 19, Pjazza San Gorg, Victoria, l-istess attrici ma kien baqghalha ebda jedd jew protezzjoni li tibqa' tokkupa l-imsemmi fond u ghaldaqstant ma kien hemm ebda qerq jew falzita' da parti tal-eccipjenti meta saret il-kawza ghal izgumbrament tal-attrici mill-fond ghal raguni li hi kienet qeghda tiddetjeni l-fond minghajr titolu validu fil-ligi ;

4. Illi l-fatt li l-attrici ma kien baqghalha ebda protezzjoni that il-Kap. 125 gie ampjament ippruvat fil-kawza Avviz 47/01 u l-attrici tant kienet pienament konxja minn dan il-fatt u li kienet ser tispicca minghajr akkomodazzjoni, li sa kienet talbet lid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali permezz ta' ittra tat-2 ta' Jannar 2002, sabiex jerga' jpoggiha fl-istat ta' protezzjoni tal-imsemmi fond kif kienet qabel it-18 ta' Dicembru 2001, jew li jsibilha akkomodazzjoni alternattiva, u din il-Qorti fis-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2002, kienet gustifikata li tilqa' t-talba kif kontenuta fl-Avviz 47/01, u ma kien hemm ebda qerq da parti tal-eccipjenti fl-otteniment ta' dik is-sentenza, u l-kapitoli servew bhala dikjarazzjoni ta' l-inezistenza ta' dritt li kien jispetta lill-attrici li tipprova li kellha dritt, haga li l-attrici naqset illi taghmel u baqghet m'ghamlitx fil-kawza Avviz 47/01 ;

5. Illi l-kawza Avviz 47/01 li qed tintalab li tigi ritrattata kienet giet debitament innotifikata lill-attrici Rita Camilleri u kienet giet ipprezentata wkoll nota tal-eccezzjonijiet fil-10 ta' Jannar 2002, li permezz taghha kienet giet ikkontestata t-talba tal-eccipjenti ;

6. Illi l-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza Avviz 47/2001 lanqas ma applikat il-ligi hazin, u l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-attrici Rita Camilleri li baqghu ma gewx imwiegba minnha ma gewx mehuda bhala konfessjoni ghat-talba tal-eccipjenti isolatament mill-provi l-ohra fil-kawza izda flimkien mal-provi l-ohra kollha li kienu ngiebu fil-kawza ;

7. Illi l-attrici naqset ukoll li ssemmi l-ligi li kien imissha giet applikata kif jippreskrivi l-artikolu 816 tal-KOPC Kap. 12 ;

8. Illi s-sentenza fil-kawza Avviz 47/2001 lanqas ma kienet l-effett ta' xi zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, anzi ghal kuntrarjud-dokumenti u l-atti tal-kawza jikkonfermaw in-nuqqas ta' titolu li kellha l-attrici Rita Camilleri li tibqa' tiddetjentil-fond in kustjoni ;

9. Illi mhuwiex minnu li l-attrici saret taf bis-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2002, moghtija fil-kawza Avviz numru 47/2001, meta giet notifikata bl-avviz ghall-izgumbrament, izda qabel ma sar il-mandat ta' zgumbrament l-attrici kienet giet innotifikata wkoll b'ittra ufficjali fit-30 ta' Dicembru 2002, u moghtija terminu biex tizgombra, f'liema terminu l-attrici baqghet ma hadet ebda passi u kien proprju meta mar il-Marixxal tal-Qorti biex jizgombraha mill-fond li l-attrici hadet passi proprju biex b'abbuz manifest tal-ligi procedurali tistalla l-proceduri tal-izgumbrament u tistultifika l-process tal-gustizzja milli jiehu l-kors tieghu u tigi esegwita skond il-haqq u l-ligi s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Novembru, 2002;

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Carmela Cremona .

Rat l-atti tal-kawza Avviz Numru 47/2001 fl-ismijiet "Anton Cremona et. vs Rita Camilleri" li giet deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru 2002 u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni permezz tal-proceduri presenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .
Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza fejn qed tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawza ohra li nqaghtet b'mod definittiv u ma kienx hemm appell minnha . Fid-'**Diritto Processuale Civile'** tas-serie 'Manuali Giuridici', fil-kapitolu 4 li jitratta "La revocazione", insibu spjegat illi :

*"La revocazione costituisce un mezzo di impugnazione limitato a singole ipotesi tassattivamente indicate all'articolo 395 c.p.c. Essa e' fondata sulla esistenza di*

*particolari circostanze che, se fossero state conosciute dal giudice, avrebbero portato ad un giudizio diverso."*[1]

Il-Qrati taghna kellhom diversi opportunitajiet jippronunzjaw ruhhom dwar kif ghandha tigi ttrattata kawza simili . Gie enfasizzat kemm-il darba illi dan huwa rimedju straordinarju li tipprovdi l-ligi fil-kazijiet partikolari biss imsemmija fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (kap.12) . Infatti nghad illi dan ir-rimedju :

"…. *Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita' del giudicato che solo potra' mettere fine alla lite, poiche' l'autorita' della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*."[2]

Fl-Appell Civili : "Kontrollur tad-Dwana vs. Michael Zammit et.", deciza fil-5.6.1985 gie mfisser illi :

*"L-artikolu 814 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (illum l-artikolu 811) *jiddisponi illi 'kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' Appell,tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin….' u l-artikolu 823* (illum 820) *jghid illi (1) meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza appellata, il-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-mertu fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-Qorti u (2) izda fuq talba ghar-ritrattazzjoni ghandha tinghata dejjem sentenza separata ;*

*Jidher car mill-imsemmija kliem ta' l-Artikoli ccitati illi l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg skopi, jigifieri dak li tigi annullata sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga' tiftah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza . Ghalhekk il-gudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-*

---

[1] Edizione Giuridiche Simone - 2000, pag. 411 .

[2] vol. XXV.I.141 ; ara wkoll : Vol. XXVII. 122; vol. XXVII .I.88 ; Vol.XXIX. I. 798 u Vol. LXXVIII. II. 13. .

*iehor, maghrufin fid-dottrina bhala “**il rescindente**” u “**il rescissorio” .***

*Il-ligi ghalhekk trid li qabel xejn tigi mhassra jew revokata in toto s-sentenza impunjata, billi minghajr dan it-thassir totali mhux possibbli li l-kawza tigi ttrattata mill-gdid . Huwa biss wara li jkun sar dan li tista ssir it-trattazzjoni il-gdida tal-kawza billi sakemm dan it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta’ ostakolu ghar-riezami tal-kawza (Qorti ta’ l-Appell, Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et 27 ta’ Gunju 1949, Kollez. Dec. Vol. XXXIII. I. 754) ….”*[3]

Bl-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti qed jecceppixxu n-nullita' tal-kawza, billi ghalkemm hija kawza inferjuri giet pprezentata bhala citazzjoni u fuq il-formula relattiva ghal citazzjoni . Imma l-artikolu 815 tal-Kap.12 jispecifika illi fil-prim'istanza kawza ghar-ritrattazzjoni bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, trid appuntu ssir dejjem permezz ta' citazzjoni . Din l-eccezzjoni hija ghalhekk minnufih respinta .

L-attrici qed tibbaza t-talba taghha ghar-ritrattazzjoni tal-kawza msemmija, fuq ir-ragunijiet indikati fl-artikolu 811 (a), (b) (e) u (l) tal-kap. 12 . Taht is-subartikolu (a), hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni***: “jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta’ wahda mill-partijiet bi hsara ta’ l-ohra;” .*** Dwar l-articolo 395 n.1 tal-Codice di Procedura Civile taljan vigenti, identiku ghal dan is-subartiklu tal-ligi taghna, insibu jinghad illi :

*“Il **dolo procesuale revocatorio** non si esaurisce nel semplice mandacio o in false allegazioni ovvero in quegli accorgimenti (ad. es. il silenzio sull’esistenza di un fatto sopravvenuto nel corso del giudizio) per mezzo dei quali la parte stima di poter vincere la lite, ma deve consistere, perche’ possa servire di base ad una pronuncia di revocazione ex art. 395 c.p.c., in un raggiro subiettivamente diretto ed obiettivamente idoneo a paralizzare la difesa dell’avversario e ad impedire al*

---

[3] kollez. vol. LXIX pt. II. p. 220 et seq.

*giudice l'accertamento della verita' (Cass. n. 4833 del 3-5-1991)".*[4]

Fil-kaz "Giorgio Zahra vs Aristide Parthensis – Corte di Commercio di Sua Maesta' 31.3.1894, insibu jinghad illi :

*"Che secondo la Legge la ritrattazione ha luogo, fra altri casi, quando la sentenza e' stata l'effetto del dolo di una delle parti a danno dell'altra .*

*Che il dolo, siccome e' causa della nullita' di una convenzione quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali che, senza di essi, l'altra parte non avrebbe contrattato, cosi' da' ingresso al rimedio di ritrattazione, allorche' i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che, senza di essi, la altra parte non sarebbe stata condannata…".* [5]

Fil-kaz taghna qed jigi allegat li l-attrici prezenti ma kienitx taf bil-proceduri ghall-izgumbrament mibdija kontra taghha bil-kawza ndikata li dwarha qed tintalab ir-ritrattazzjoni . Dan ghaliex, minkejja li giet ipprezentata nota ta' eccezzjonijiet f'dik il-kawza, Rita Camilleri qatt ma saret taf bija sakemm ma marx ghandha l-marixxall tal-Qorti bil-mandat ta' zgumbrament, in segwitu ghas-sentenza ta' din il-Qorti f'dik il-kawza. L-attrici baqghet ma xehditx fil-kawza prezenti minhabba l-istat prekarju ta' sahhitha . Imma bintha Rose Zammit sostniet illi hija qatt ma nformat lill-ommha b'dik il-kawza biex ma tinkwetahiex u hadet hsieb kollox hi . Kien ghalhekk ukoll illi l-attrici baqghet qatt ma dehret la biex tixhed u lanqas biex tikkontesta l-kapitoli ghas-subizzjoni taghha pprezentati mill-kontro-parti.[6]

B'danakollu ma giex b'daqshekk ippruvat ebda qerq da parti ta' naha bi hsara tan-naha l-ohra, kif tistipula l-ligi f'dan is-subartikolu . Jekk il-familjari ta' l-attrici ghar-ragunijiet ferm komprensibbli taghhom naqsu li jinfurmaw

[4] Op. cit. pag. 412 – 413 .
[5] vol. XIV p. 219 .
[6] ara depozizzjoni Rose Zammit tal-11.11.2003 a fol. 26 - 38 tal-process .

lill-attrici b'dik il-kawza, m'ghandha tigi imputata ebda htija fuq il-kontroparti u wisq anqas jista' jinghad illi dawn ippruvaw b'xi mod jew iehor iqarqu biha . Din ir-raguni ghalhekk ma tirrizultax .
L-attrici tibbaza wkoll it-talba taghha fuq is-subinciz (b) ta' l-artiolu 811, u cioe' fuq in-nuqqas ta' notifikazzjoni lilha bil-kawza kontestata . Jirrizulta pero' illi l-Avviz *de quo* kien gie debitament notifikat lill-attrici prezenti u nfatti giet anke intavolata regolarment id-debita nota ta' l-eccezzjonijiet taghha . Ghalhekk lanqas din ir-raguni ma tissussisti.

It-tielet raguni ghaliex l-attrici qed titlob ir-ritrattazzjoni hija bbazata fuq is-subinciz (e) ta' l-artikolu 811, u cioe' li s-sentenza kontestata applikat il-ligi hazin . Ma tressqu ebda provi f'dan ir-rigward, imma d-difensur ta' l-attrici fit-trattazzjoni orali tieghu jaccenna ghall-allegat nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza kontestata . Dik is-sentenza inqatghet a favur ta' l-allura atturi a bazi tal-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuta (l-attrici prezenti) li gew dikjarati ammessi fin-nuqqqs ta' kontestazzjoni da parti taghha . Fil-fehma taghha ma jidher illi kienet mehtiega ebda motivazzjoni ulterjuri f'tali cirkostanzi apparti dak li gie dikjarat mill-Qorti fis-sentenza taghha, u ghalhekk din ir-raguni lanqas ma tirrizulta fondata .

Ir-raba raguni indikata mill-attrici hija dik stipulata fis-subinciz (l) ta' l-artikolu 811, rigward xi zball li jidher mil-atti jew mid-dokumenti tal-kawza . Dwar din ir-raguni pero' baqa' ma ssemma xejn fil-kawza prezenti u ghalhekk ma tirrizultax .

Finalment irid jinghad ukoll illi sabiex tigi milqugha talba ghar-ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad li tkun ghaddiet in gudikat, kif huwa proprju il-kaz in ezami, irid jigi superat ostakolu iehor, u cioe' ghandha ssir il-prova illi l-attur ikun sar jaf bil-fatti li minhabba fihom jitlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.[7] Kif gie ribadit anke recentement mill-Qrati taghna :

---

[7] art. 812 tal-Kap. 12

"*Fil-fehma ta' din il-Qorti l-"fatti" li ghalihom jirreferi l-Art. 812 f'dak il-kuntest ma jirrigwardax xi wahda mir-"ragunijiet" elenkati fl-artikolu 811…. Dak li invece jfissru l-kliem fit-test tal-Art. 812 hu dak li l-fatti jridu jippruvaw . U daqstant iehor jikkonvincu, illi r-ritrattand naqas li jappella fiz-zmien utli mid-decizjoni moghtija . Il-"fatti" allura ghandhom konnessjoni intima mal-kwestjoni tal-gheluq taz-zmien ta' l-appell u mhux mar-raguni innifisha tat-talba tar-ritrattazzjoni . Din il-prova tal-"fatti" kif mahsuba fit-test tal-ligi hi allura pre-rekwizit addizzjonali u essenzjali u ghandha ssir pre-ordinament ghar-ritrattazzjoni innifisha fuq ir-"ragunijiet" jew xi wahda minnhom, specifikati fl-Art. 811… … Il-kwestjoni hi wahda ta' fatt u allua kien mehtieg li l-parti ggib il-prova sodisfacenti, konvincenti u univoka illi "hi giet taf bil-fatti" wara li ghalqilha z-zmien ta' l-appell*."[8]

Huwa minnu illi fil-kaz taghna jidher illi l-attrici nnifisha baqghet sa' l-ahhar ma tafx bil-kawza ghall-izgumbrament li kienet saret u eventwalment inqatghet kontra taghha . Imma dan ma kienx dovut ghal ebda nuqqas procedurali jew ghal xi htija imputabbli lin-naha l-ohra . Kienu l-familjari taghha stess li konxjament hbewlha kull ma kien qed jigri biex ma jinkwetawhiex, u ghalkemm ikkontestaw il-kawza, ghazlu li ma jressqu ebda provi in difesa, ghalkemm ma kien hemm xejn xi jzommhom milli jaghmlu dan . Fi kwalunkwe kaz din il-prova fic-cirkostanzi attwali tibqa' wahda purament akkademika u superfluha, gialadarba ma tirrizulta ebda raguni minn dawk indikati mill-attrici li jintitolawha ghal ritrattazzjoni tal-kawza kontestata .

Ghal dawn il-motivi, billi ma tirrizulta ebda raguni valida ghaliex ghandha tilqa' t-talba attrici ghat-thassir u revoka tas-sentenza msemmija fic-citazzjoni prezenti taghha, tiddecidi billi tichad l-istess talba attrici u t-talba konsegwenzjali ghar-ritrattazjzoni ta' dik il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici .
Cit303Pc(sent)

---

[8] Appell: Arthur Taliana et vs Godwin Falzon : 5.3.2003 .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------